MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 1248/2009

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

Vs

John Saliba

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’numru 214658M, akkuzat talli:

1. fit-23 ta’ Novembru 2009 ghal habta ta’ 21:15hrs fi Triq Nazjonali l-Hamrun ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC275 Thomas Dimech u PC681 Noel Muscat hekk kif iccertifikaw Dr. S.B.Das (Reg2141) taccentru tas-sahha tal-Furjana u Dr. D. Dingli (reg3131) tal-Isptar Mater Dei, bi ksur tal-art 95(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

2. fl-istess jum, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.
3. fl-istess jum, lok u cirkostanzi hedded lil Martin Mallia, Melchiorre Mallia u Jason Mallia b'arma bil-ponta u li taqta.
4. fl-istess jum, lok u cirkostanzi garr arma bil-ponta u li taqta minghajr il-licenzja tal-kummissarju tal-pulizija.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat jittrattaw il-feriti hfief, il-ksur tal-bon ordni, it-theddid u l-garr ta' strument bil-ponta. L-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u inkondizjonata. Hemm però l-istqarrija tieghu fejn hemm spjegat x'wassal ghall-incidenti li taghhom l-akkuzat qieghed jigi mixli.

Kollox konsidrat, inkluz il-fedina penali tal-akkuzat tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sitt xhur mill-lum u tikkundannah multa komplessiva ta' €116 wara li rat l-Artikolu 221, 338(dd), 339(e) u 17 tal-Kap 9, ukoll l-Artikolu 6 u 51(c) tal-Kap 480.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------